MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2011

Numru. 211/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Christopher Pullicino**
**vs**
**John Mary Fenech**
**Steve Azzopardi**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati John Mary Fenech ta’ 37 sena, iben Saviour u Pauline nee’ Muscat, imwieled Pieta’ fid-19 t’ April 1973 u residenti 39, Sisken, Triq Raddet ir-Roti, Mosta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 229173(M) u l-imputat Steve Azzopardi ta’ 25 sena, iben Emanuel u Maria Dolores nee’ Micallef, imwieled Pieta’ fid-9 ta’ Dicembru 1984 u residenti Emandor, Tas-Salib, limiti tar-Rabat, Malta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 23685(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Fl-20 ta' Novembru 2010 ghall-habta ta' 12.30pm gewwa Ta' Qali limiti tal-Mosta, ikkommettew serq ta' diversi oggetti mill-istabbiliment bl-isem "Flower Power", liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi €232.94 izda ma jaqbizx €2329.37 ewro u sar ghad-detriment ta' d-dirigenti tal-istess stabbiliment u/jew persuna/i ohra;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta' Jannar 2011 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2011 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-3 ta' Marzu 2011 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuza kif dedotta kontra taghhom.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li huma ghandhom fedina penali netta u li huma kkoperaw fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261 u 267 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien sitt(6) xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------